# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION
## ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Frar, 2024.**

**Numru 13**

**Rikors numru 65/18/1 JZM**

**Christopher Caruana**

**v.**

**P & J Co Ltd (C-5153) u b'digriet mogħti fit-3 ta' Mejju 2018 l-isem tal-kumpanija konvenuta ġie jaqra "P & J.C Co.Ltd (C-5153)"**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill**-attur appellant Christopher Caruana [l-Appellant**] minn sentenza tal-Qorti Ċivili Prim'Awla mogħtija fl-24 ta' Setembru, 2019 li permezz tagħha it-talba tiegħu sabiex **is-soċjetà konvenuta appellata P & J.C Co. Ltd. [is-Soċjetà Appellata**] tiġi kkundannata tħallsu s-somma ta' mija u elf, tmien

mija u tlieta u għoxrin ewro u ħamsin ċenteżmu (€101,823.50) bħala prezz ta' xogħolijiet u materjal imwettqa u forniti mill-attur lis-soċjetà konvenuta, ġiet milqgugħa parzjalment peress li ġie kanonizzat kreditur fis-somma ta' erbgħa u tletin elf u sebgħa u tletin ewro u ħamsin ċenteżmu (€34,037.50) u mhux fis-somma minnu mitluba.

**Il-Fatti**

2. Il-fatti rilevanti fil-qosor huma s-segwenti.

3. L-appellant jipprovdi servizz ta' installazzjoni ta' aperturi tal-aluminium filwaqt li s-soċjetà konvenuta qiegħda fin-negozju tal-kostruzzjoni.

4. Fil-15 ta' Frar, 2010 il-partijiet iffirmaw appalt[1] fejn ftehmu illi:

> "Mr Christopher Caruana will carry out aluminium finishes on 48 units (13 maisonettes and 35 apartments) and th ecommon area (6 in all) of their respective blocks which are all situated in Tal-Millieri Ghaxaq. These apartments are presently under construction and aluminium works shall commence as soon as this is possible to be carried out and according to the directions given by Mr Pius Camilleri…………"
>
> "The rates of the above mentioned works shall be according to the rates which are being attached with this agreement.
>
> Terms of payment.
>
> The parties have agreed that the payment terms shall be as follows:
>
> 60% of the total amount of works carried out will be paid in cash and payments wil be issued accordingly.

[1] Kopja a fol. 41

> The rest of the amount that is 40% of the total amount will be paid by barter whereby P & J.C Co Ltd hereby agrees to transfer an apartment or garages from the same site on to Mr Chris Caruana or other third parties as approved by Mr Chris Caruana himself. A price list of maisonettes, apartments and garages of Tal Millieri in Ghaxaq is being attached with this agreement."

5. Ma' dan il-ftehim ta' appalt annettew dokumenti b'lista ta' garaxxijiet, *maissonettes* u *flats* fejn ħdejn kull proprjetà tniżżel il-prezz relattiv, ħlief dawk li kienu diġà mibjugħa li ġew immarkati bil-kelma "sold".

6. Mhux kontestat illi x-xogħol ordnat mis-soċjetà appellata ġie kkonsenjat u installat mill-appellant.

7. Fl-20 ta' Diċembru, 2012 ġie ppubblikat kuntratt ta' bejgħ min-Nutar Dr Carmelo Mangion li permezz tiegħu s-soċjetà appellata biegħat lill-appellant wieħed mill-garaxxijiet li huwa indikat fuq il-lista fuq imsemmija. Fil-kuntratt tniżżel li l-garaxx kien qiegħed jinbiegħ għall-prezz ta' €10,000 u ġie hemm dikjarat illi l-prezz kien tħallas qabel il-jum tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt.

8. Fl-20 ta' Lulju, 2016 il-partijiet iffirmaw konvenju fejn jingħad illi:

> "P & J C Co Ltd is hereby promising to sell garage no. 2 to Mr Chris Caruana from Tal Millieri Complex, Ghaxaq for the price of Euro 19,800. This sale is subject to all conditions stipulated in the contract of sales of all other garage owners in the same complex.
>
> Terms of payment:
>
> The parties have agreed that the payment terms shall be as follows:

> Mr Caruana will carry out all the remaining aluminium works in the same complex that is in tal-Milleri Ghaxaq according to the list of prices which have been included in the previous agreement between both parties. All payment dues related to these works will be deducted from the amount due re the purchase of the garage.
>
> Any amount which might still be pending after all works have been carried out by Mr Chris Caruana shall be paid by the latter in cash."

9. Il-kuntratt dwar garaxx numru 2 baqa' ma ġiex ippubblikat.

10. Saru pagamenti akkont mis-soċjetà appellata lill-appellant. Hemm qbil li għad fadal bilanċ dovut iżda m'hemmx qbil dwar kemm hu dan il-bilanċ.

11. Fil-bidu tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti it-talba tal-appellant fir-rikors' ġuramentat promotur kienet €69,635.84. Is-soċjetà appellata fir-risposta ġuramentata tagħha ammettiet li kien għad baqalha bilanċ xi tħallas lill-appellant iżda ddikjarat illi skont il-kalkoli minnha magħmula il-bilanċ kien ta' €42,595.00 skond prospett minnha anness mar-risposta ġuramentata.

12. Fuq talba tal-appellant, b'digriet tad-9 ta' Lulju, 2018, l-Ewwel Qorti awtorizzat korrezzjoni fl-ammont reklamat mill-attur appellant li ġie awmentat għal €101,823.50.

13. Fis-seduta quddiem l-Ewwel Qorti miżmuma fl-14 ta' Jannar, 2019[2] l-appellant iddikjara illi "nonostante dak li jista jirriżulta mill-atti, l-attur jiddikjara illi l-prezz ghax-xoghol li kien ikkwota lill-kumpannija konvenuta kien jinkludi l-VAT, ghalkemm kien bl-idea illi meta kkwota l-prezz l-VAT kienet eskluza u llum huwa edott mill-fatt li l-Ligi tghid xi haga differenti milli kien jahseb hu."

14. Fis-seduta miżmuma fid-19 ta' Frar, 2019 quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellant iddikjara illi "…. Jaccetta li thallas zewg (2) pagamenti ta' €23,294 u ta' €3,610. B'hekk skont l-attur, il-kontro parti ghadha debitriċi tieghu fl-ammont ta' €82,187.10". (sottolinear tal-Qorti).

15. B'sentenza tal-24 ta' Settembru, 2019 l-Ewwel Qorti iddeċidiet kif ġej:-

> "Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet u dwar l-eccezzjonijiet billi qeghda taqta` u tiddeciedi hekk :-
>
> Riferibbilment ghall-ewwel talba, tiddikjara u tiddeciedi li l-attur huwa kreditur tal-kumpannija konvenuta fl-ammont ta` erbgha u tletin elf u sebgha u tletin Ewro u hamsin centezmu (€34,037.50) rapprezentanti l-bilanc dovut ghax-xoghol ta` aluminium u fornitura ta` materjal mertu ta` din il-kawza pprovdut mill-attur lill-kumpannija konvenuta. Riferibbilment ghat-tieni talba, tordna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta` erbgha u tletin elf u sebgha u tletin Ewro u hamsin centezmu (€34,037.50) skont l-ewwel talba, bl-imghax legali b`effett mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.
>
> Tordna li l-ispejjez kollha ta` din il-kawza ghandhom jithallsu in kwantu ghal zewg terzi mill-attur u in kwantu ghal terz mill-kumpannija konvenuta."

[2] Verbal a fol. 428

16. Fl-14 ta' Ottubru, 2019 l-attur intavola r-rikors tal-appell mis-sentenza tal-Ewwel Qorti u għar-raġunijiet hemm mogħtija talab lil din il-Qorti "tilqa' l-aggravji kollha mressqa minnu u konsegwentement tirrevoka parzjalment u tirriforma d-deċiżjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti b'dana illi:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-appellant huwa kreditur tas-soċjetà appellata fl-ammont ta' wieħed u tmenin elf, mija u ħmistax-il ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€81,115.23);

2. Tordna lis-soċjetà appellata sabiex tħallas lill-appellant s-somma ta' wieħed u tmenin elf, mija u ħmistax-il ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€81,115.23), bl-imgħax legali mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess soċjetà appellata."

3. Is-soċjetà konvenuta appellata ppreżentat ir-risposta tagħha għall-appell fid-19 ta' Diċembru, 2019 li permezz tagħha, għar-raġunijiet hemm mogħtija, tgħid li l-appell għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata tiġi konfermata fl-intier tagħha, "għajr għal modifika żgħira fl-ammont likwidat kif spjegat aktar 'l fuq ….".

4. Rat l-atti kollha.

5. Semgħat it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet fis-seduta tat-28 ta' Novembru, 2023 meta l-appell tħalla għas-sentenza.

Ikkonsidrat;

**Konsiderazzjonijiet**.

6. Il-Qorti ser tikkonsidra l-ewwel u t-tieni aggravju flimkien peress li f'tal-ewwel l-appellant jgħid li s-sentenza appellata hija *extra petita* filwaqt li fit-tieni aggravju jgħid li hija *ultra petita*.

7. Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu l-attur appellant jgħid li ħassu aggravat bis-sentenza tal-Ewwel Qorti għaliex ordnat lis-soċjetà appellata "tħallas lill-appellant somma inqas minn dik illi l-istess soċjetà appellata kienet, b'ammissjoni tagħha stess, ikkonċediet illi hija dovuta lill-appellanti". Jgħid illi fir-raba' u l-ħames eċċezzjoni tagħha s-soċjetà appellata kienet ammettiet illi għandha tħallas €42,595. Jikkontendi l-appellant li l-Ewwel Qorti ma setgħatx tiddikjara illi l-ammont dovut kien €34,037.50, ammont inferjuri għall-ammont ammess mill-konvenuta appellata. Jgħid li għalhekk l-Ewwel Qorti varjat il-ħames eċċezzjoni tas-soċjetà appellata bil-konsegwenza li naqset sostanzjalment is-somma li

l-istess soċjetà appellata kienet aċċettat li hija minnha dovuta lill-appellant. Jgħid li għalhekk is-sentenza appellata hija *extra petita*.

8. Permezz tat-tieni aggravju tiegħu l-appellant jgħid illi s-sentenza appellata hija *ultra petita*. Jgħid illi dan seħħ peress li filwaqt li meta t-talba tiegħu kienet għadha għas-somma ta' €69,635.84 is-soċjetà appellata kienet ammettiet li għandha tagħti s-somma ta' €42,595.00. Jgħid illi meta huwa ottjena l-awtorizzazzjoni tal-Ewwel Qorti sabiex jawmenta t-talba tiegħu minn €69,635.84 għal €101,823.50, is-soċjetà appellata, mingħajr ma eċċepiet ulterjorment li kienet għamlet pagamenti addizzjonali, "resqet provi li allegatament juru pagamenti oħra illi saru lill-appellanti." Jgħid illi sabiex is-soċjetà appellata setgħat tressaq din ix-xorta ta' prova dwar pagamenti oħra hija kellha qabel xejn tressaq eċċezzjoni formali f'dan is-sens. Jgħid illi s-soċjetà appellata laqgħet għall-ammont addizzjonali mitlub billi eċċepiet illi dan l-ammont ma kienx dovut peress illi kien hemm fattura għall-ħlas ta' xogħol li kien diġà kopert mill-fatturi esebiti mar-rikors ġuramentat. Jgħid li l-unika oġġezzjoni tas-soċjetà konvenuta kienet dwar numru żgħir ta' fatturi (nri. 24, 36 u 60) fejn ġie ikkontestat l-ammont globali ta' €691.52. Jgħid li ma tressqet l-ebda oġġezzjoni oħra fir-rigward tal-kumplament tal-fatturi u li għalhekk l-Ewwel Qorti kellha tikkonsidrhom bħala aċċettati mis-soċjetà appellata u kosegwentement dovuti. Jilmenta l-appellant illi s-soċjetà konvenuta appellata tħalliet iġġib provi ta' pagamenti fil-konfront tat-talba

addizzjonali meta eċċezzjoni formali dwar dawk il-pagamenti ma kinitx tresqet. Jilmenta illi l-provi dwar dawn il-pagamenti s-soċjetà konvenuta ġabithom meta huwa kien għalaq il-provi tiegħu u għalhekk ma setax iressaq provi in kontestazzjoni, filwaqt li l-Ewwel Qorti straħet fuq il-kontenut tagħhom fil-komputazzjoni li għamlet sabiex waslet għall-ammont kanonizzat. Jgħid illi peress li ma kienx hemm eċċezzjoni ulterjuri dwar dawk il-pagamenti allura s-sentenza appellta hija "ultra petita".

9. Din il-Qorti tqis dawn l-ewwel żewġ aggravji, in kwantu msejsa fuq l-aggravji tal-*extra petita* u l-*ultra petita*, bħala infondati. It-talba tal-attur appellant meta istitwixxa l-kawża quddiem l-Ewwel Qorti kienet sabiex jiġi kanonizzat kreditur tas-soċjetà konvenuta appellata fis-somma ta' €69,635.84. Fl-20 ta' Ġunju, 2018, ħames xhur wara li kienet ilha intavolata l-kawża odjerna, l-attur intebaħ illi l-ammont indikat fir-rikors promotur ma kienx skont hu tajjeb u talab li minn €69,635.84 jiġi emendat għal €101,823.50. L-Ewwel Qorti akkordat it-talba u ordnat il-korrezzjoni relattiva.

10. Fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ikkonkludiet illi l-ammont dovut kien €34,037.50. Jgħid li s-sentenza appellata hija *extra petita* għaliex is-soċjetà appellata kienet ammettiet li għandha tagħti €42,595 u l-Ewwel Qorti ikkanonizzat ammont anqas minn dak ammess mis-soċjetà

appellata. Jgħid ukoll li s-sentenza appellata hija *ultra petita* għaliex meta l-appellant ottjena korrezzjoni fir-rikors promotur li permezz tagħha ġie awmentat l-ammont li tiegħu ntalbet il-kanonizzazzjoni, s-soċjetà appellata ma resqitx fir-risposta ulterjuri tagħha eċċezzjoni formali li hija għamlet ħlasijiet oltre dawk li skont l-appellant kienet ġia ammettiet fl-ewwel risposta ġuramentata tagħha.

11. Jidher illi l-appellant għandu ideat żbaljati dwar x'jikkostitwixxi sentenza *extra petita* jew *ultra petita*.

12. Il-**<u>Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12)</u>** jagħti definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi sentenza *extra petita* jew sentenza *ultra petita* fl-**Artikolu 811** li jitratta r-raġunijiet li jiġġustifikaw ritrattazzjoni. Is-sub-inċiż (f) jiddefinixxi *extra petita* meta "is-sentenza tkun ġiet mogħtija fuq ħaġa mhix imdaħħla fit-talba" filwaqt li s-sub-inċiż (g) jiddefinixxi *ultra petita* meta jirriżulta illi "bis-sentenza jkun ġie mogħti iżjed minn dak li ntalab". Imbagħad insibu **Artikolu 790** tal-istess Kodiċi li jipprovdi ir-regola ġenerali illi meta quddiem qorti fi grad ta' appell tinġieb 'il quddiem eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata, dik l-eċċezzjoni m'għandhiex tintlaqa' jekk is-sentenza tkun ġusta fis-sustanza tagħha. Però għal dik ir-regola ġenerali hemm numru ta' eċċezzjonijiet fosthom illi irrispettivament jekk is-sentenza hiex ġusta fis-sustanza, l-eċċezzjoni

tan-nullita' tas-sentenza appellata għandha xorta tintlaqa' jekk jirriżulta li s-sentenza tal-ewwel qorti hija *extra petita* jew *ultra petita*.

13. Hija ġurisprudenza kostanti li filwaqt li l-attur li jistitwixxi kawża huwa fil-libertà li jiddeċiedi in-natura tal-azzjoni li permezz tagħha jaddixxi l-Qorti, hija daqstant ieħor ġurisprudenza kostanti illi l-Qrati Superjuri huma marbuta li jiddeċiedu l-kawżi fuq dak li jiġi premess u mitlub fir-rikors ġuramentat. Il-Qorti ma għandiex tiddeċiedi fuq xi ħaġa oħra li għalkemm tkun irriżultat fil-kors tas-smigħ tal-kawża, ma tidħolx sewwa fit-talba kif imfissra u mressqa mill-attur. Altrimenti s-sentenza tkun *ultra* jew *extra petita* u b'hekk tiġi li ma tiswiex. Fl-istess ħin, huwa miżmum illi ma jirrendiex sentenza milquta bil-vizzju tal-*ultra* jew *extra petita* meta fis-sentenza ma tintlaqax it-talba attriċi fl-intier tagħha dejjem, jekk dak milqugħ jista' ġuridikament jiġi kkunsidrat li huwa inkluż fit-talba kif imressqa mill-attur. (ara. **Wintrade Limited v. Aparthotels Limited et.** - Qorti tal-Appell - 30 ta' Novembru, 2022; **Maryanne Vella v. Brian Zammit et.** - Qorti tal-Appell - 31 ta' Mejju, 2023).

14. Applikata l-liġi u l-ġurisprudenza in materja għaż-żewġ aggravji in diżamina, din il-Qorti ma ssib assolutament xejn li jista' remotament jitqies illi s-sentenza appellata hija milquta b'nullità *extra* jew *ultra petita*. L-appellant talab ammont u l-Ewwel Qorti kkanonizzat ammont inferjuri għal dak minnu mitlub. Bl-ebda mod ma jista' jitqies illi s-sentenza appellata

"ġiet mogħtija fuq ħaġa mhix imdaħħla fit-talba" jew li "ġie mogħti iżjed minn dak li ntalab".

15. Il-Qorti għalhekk tqis illi l-ewwel żewġ aggravji, in kwantu msejsa fuq l-allegat *extra petita* u *ultra petita* huma infondati.

16. Hemm però ilment komuni fiż-żewġ aggravji appena kkonsidrati illi jimmerita konsiderazzjoni f'dan l-istadju. L-appellant jilmenta illi *nonostante* li s-soċjetà appellata ammettiet sa mill-bidunett illi s-somma dovuta minnha kienet ta' €42,595 u mhux l-ammont reklamat mill-appellant, l-Ewwel Qorti kkundannatha tħallas €34,037.50.

17. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan huwa aggravju fondat.

18. Fir-risposta ġuramentata tagħha s-soċjetà appellata ddikjarat illi l-ammont minnha dovut kien ta' €42,595.00 liema ammissjoni hija kkonfermata mill-istess soċjetà appellata meta fit-22 ta' Mejju, 2018, ħames ġimgħat wara li ppreżentat ir-risposta ġuramentata tagħha, iddepożitat is-somma ta' €42,595.00 b'ċedola numru 970/18 taħt l-awtorità tal-Qorti fejn inter alia ddikjarat illi "… €42,595.00 minnhom dovut lill-intimat[3] sabiex din is-somma hekk depożitata tiġi liberament mogħtija lill-intimat wara li dan jħalli riċevuta skont il-liġi."[4]

[3] L-appellant
[4] Fol. 185

19. Għandu raġun l-appellant jilmenta illi l-Ewwel Qorti injorat kompletament l-effetti ġuridiċi ta' dik l-ammissjoni u ta' dak id-depożitu taħt l-awtorità tal-Qorti .

20. Għalkemm fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha quddiem l-Ewwel Qorti s-soċjetà appellata kienet iddikjarat illi ċ-ċifra eżatta minnha dovuta kienet ta' €39,941.00 skont ma xhedet Rosanne Camilleri, u mhux l-ammont minnha ammess u minnha ddepożitat, fil-fehma ta' din il-Qorti l-effetti ġuridiċi tal-ammissjoni ta' ammont speċifiku akkumpanjat mid-depożitu tal-istess ammont sabiex jiġi liberament żbankat mill-appellant, ma jiġux newtralizzati jekk minn jagħmilhom ma jieħux passi fiż-żmien opportun sabiex ivarja dik l-ammissjoni kif ukoll sabiex ivarja l-kondizzjonijiiet tad-depożitu taħt l-awtorità tal-Qorti .

21. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti għandu raġun l-appellant jilmenta illi l-Ewwel Qorti, rinfaċjata b'ammissjoni ta' ammont speċifiku u depożitu ta' dak l-ammont sabiex jiġi liberament żbankat mill-appellant, ma kelliex takkorda ammont inferjuri.

22. Fil-verità, anke s-soċjetà konvenuta appellata ma taqbilx mal-ammont li l-Ewwel Qorti ikkundannatha tħallas għaliex *nonostante* dak dikjarat mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, xorta waħda għadha

ssostni illi l-ammont minnha dovut lill-appellant huwa aktar mill-ammont li l-Ewwel Qorti ikkanonizzat fis-sentenza appellata.

23. Opportun jingħad illi l-limiti tal-kontestazzjoni jitpoġġew mill-partijiet fil-kawża. Fl-ewwel lok mill-attur permezz tat-talbiet tiegħu fir-rikors ġuramentat. Fit-tieni lok mill-konvenut fir-risposta ġuramentata li fiha huwa obbligat jgħid fejn jaqbel u fejn ma jaqbilx mal-fatti allegati mill-attur bħala bażi għall-pretenzjoni tiegħu. L-Imħallef huwa marbut b'dawn il-limiti b'mod li għandu jastjeni minn kull kontroll probatorju ta' fatt li jkun ġie ammess. Dan għaliex l-atteġġjament difensiv tal-partijiet ineħħi l-fatt ammess mill-ambitu tal-aċċertamenti li l-Imħallef ikun mitlub li jagħmel.

24. Bl-ammissjoni da parti tas-soċjetà appellata tal-ammont ta' €42,595 fuq naħa, marbut mad-depożitu tal-istess ammont sabiex jiġi liberament żbankat mill-appellant fuq naħa; u l-ammont superjuri reklamat mill-appellant fuq in-naħa l-oħra, il-kompitu tal-Ewwel Qorti kien sabiex tikkunsidra jekk l-ammont talvolta kanonizzat kellux ikun superjuri għal €42,595 u f'każ affermattiv b'kemm.

25. Għalhekk tqis illi dan l-aggravju tal-appellant huwa fondat.

26. Fit-tielet aggravju tiegħu l-appellant jgħid li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament skorrett tal-fatti u tal-provi mressqa. Jgħid illi apparti fit-

tlett proprjetajiet mertu tal-kawża u ċjoè Ħal Millieri (Ħal Għaxaq), razzett f'Burmarrad u erba' appartamenti ġewwa Triq Vittorio Cassar, Marsascala, huwa kien ħadem f'diversi lantijiet tax-xogħol oħra li ma humiex mertu tal-kawża. Jgħid illi l-Ewwel Qorti ħadet in konsiderazzjoni pagamenti magħmula mis-soċjetà appellata lill-appellant għal xogħolijiet li ma għandhom x'jaqsmu xejn mat-tlett proprjetajiet mertu tal-kawża. Jgħid illi ġialadarba s-soċjetà appellata eċċepiet il-ħlas "kienet fid-dmir li tressaq il-provi kollha neċessarji sabiex tikkonferma l-pagamenti li saru lill-appellant u versu liema fatturi kienu saru dawk il-pagamenti." Jgħid illi din il-prova ma saritx mis-soċjetà appellata.

27. Jgħid illi l-Ewwel Qorti ma għamlitx apprezzament tajjeb tas-sottomissjonijiet tiegħu imressqa fin-nota ta' sottomissjonijiet finali fejn ikkontesta numru ta' dokumenti li ppreżentat is-soċjetà appellata għal diversi raġunijiet fosthom għaliex jikkonsistu f'kopja ta' *cheques* mhux akkumpanjati minn riċevuti, jew għax jirreferu għal xogħol ieħor li m'għandux x'jaqsam mal-mertu tal-kawża, jew għax il-firma ma hiex tal-appellant, jew għax l-irċevuta tgħid 'Ħal Għaxaq' u mhux 'Ħal Milleri' kif ukoll għaliex l-Ewwel Qorti qieset il-kuntratt ta' bejgħ ta' garaxx bħala ħlas akkont tal-ammont dovut mis-soċjetà appellata lill-appellant.

28. Kif rajna, b'dan it-tielet aggravju l-appellant qiegħed jattakka l-apprezzament li għamlet l-Ewwel Qorti tal-provi mressqa.

29. Huwa miżmum illi għalkemm din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, jekk mhux għal xi raġuni gravi u impellenti, fl-istess ħin hi tenuta li tevalwa l-provi fid-dawl tal-aggravji mressqa fir-rigward proprju sabiex tara jekk verament hemmx dawk ir-raġunijiet gravi u impellenti li jwasslu għall-apprezzament tal-provi diversi minn dak magħmul mill-Ewwel Qorti. Kif inżamm sa riċenti:

> "[il-Qorti tal-Appell] xorta għandha s-setgħa tikkoreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat, irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Anzi, f'sistema bħal tagħna, fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, din il-Qorti tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabbiltà tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti. Jeħtieġ għalhekk li din il-Qorti tifli mill-ġdid il-provi in atti, fil-qafas tal-kriterji legali applikabbli, filwaqt li tqis l-aggravji tal-appellanti." (**T & L Holdings Limited v. Francis Busuttil & Sons Limited et.** - Qorti tal-Appell - 15 ta' Novembru, 2023; are wkoll is-sentenza hemm ċitata **Dr. Antoinette Cutajar v. l-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et** - Qorti tal-Appell - 14 ta' Dicembru, 2018).

30. L-appellant jibda billi jikkritika lill-Ewwel Qorti illi ħadet in konsiderazzjoni provi li ġabet is-soċjetà appellata wara li "l-appellant għolla t-talba tiegħu" u "mingħajr ma eċċepiet formalment f'dan is-sens". Jilmenta illi dawn il-provi tressqu mis-soċjetà appellata "fejn l-appellant ma setax jressaq il-provi neċessarji sabiex jikkontradixxi dak li kien qiegħed jiġi allegat.".

31. Fir-risposta ġuramentata[5] tagħha is-soċjetà konvenuta appellata kienet eċċepiet *inter alia* li l-ammont reklamat ma kienx kollu dovut

[5] Fol. 178 *et. seq.*

minħabba pagamenti akkont li kienet effettwat. Fir-risposta ġuramentata ulterjuri[6] tagħha s-soċjetà appellata eċċepiet *inter alia* illi t-talba tal-attur tal-ammont kif miżjud kien qed jiġi kontestat bħala li ma hux dovut kif ukoll li numru ta' fatturi li ġew eżebiti mill-attur in sostenn tas-*sorte* kif miżjud kienu ġia koperti minn fatturi oħra eżebiti in sostenn tas-*sorte* qabel ġie awmentat. Kien doveruż għalhekk fuq l-Ewwel Qorti li tqis il-provi miġjuba mis-soċjetà appellata in sostenn tal-eċċezzjoni tagħha illi l-ammont mitlub mill-attur, sew qabel kif ukoll wara li ġie awmentat, ma kienx kollu dovut peress li kienet effettwat diversi pagamenti, oltre minħabba raġunijiet oħra.

32. L-appellant jilmenta illi huwa ma kellux l-opportunità jirribatti l-provi mressqa mis-soċjetà appellata quddiem l-Ewwel Qorti dwar il-pagamenti li huwa jikkontesta peress li meta tressqu dawk il-provi huwa kien diġà għalaq il-provi tiegħu. Dan huwa aggravju infondat. Il-persuna li tieħu ħsieb il-kontijiet tas-soċjetà appellata hija x-xhud Rosanne Camilleri li ssejħet bħala xhud sew mill-attur kif ukoll mis-soċjetà konvenuta. Meta ġiet imsejħa tixhed mill-attur fis-seduta tad-29 ta' Novembru, 2018[7] ma ġiet mistoqsija xejn dwar il-pagamenti akkont li s-soċjetà konvenuta allegat li kienu saru; u dan *nonostante* li xhedet illi kienet tieħu ħsieb il-kontijiet u l-pagamenti relatati mas-soċjetà konvenuta. Wara li x-xhud

[6] Fol. 266 et. seq.
[7] Fol. 400 et. seq.

Rosanne Camilleri xhedet permezz ta' affidavit[8] prodott mis-soċjetà konvenuta, sarilha kontroeżami fis-seduta tas-26 ta' Marzu, 2019, però anke hawn inspjegabbilment ma sarulha l-ebda domandi mill-attur, la diretti u lanqas indiretti, dwar dak kollu li issa qed jallega l-appellant, u ċjoè illi hemm numru ta' pagamenti li skont l-appellant jirreferu għal xogħol ieħor li ma għandux x'jaqsam max-xogħol mertu tal-kawża, jew li hemm xi firma tal-attur dubjuża. Dan ġie wkoll osservat mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata fejn irriteniet illi "Tajjeb jinghad illi fl-istadju tal-gbir tal-provi, Roseanne Camilleri ma kienet domandata xejn mill-attur dwar dawk il-pagamenti".[9] Fil-fatt kull ma ġiet mistoqsija in kontroeżami kien għaliex hemm *cheques* imsarrfa mill-attur li kienu akkumpanjati minn riċevuti rilaxxjati mis-soċjetà konvenuta u għaliex hemm *cheques* imsarrfa mill-attur li ma kienux ukoll akkumpanjati minn riċevuta. Fejn ix-xhud spjegat illi c-*cheque* huwa meqjus bħala riċevuta. Mill-bqija l-ebda domandi dwar ħlasijiet għall-xogħolijiet oħra li l-appellant jibqa' jirreferi għalihom u li mill-provi ma jirriżulta xejn dwarhom.

33. Jekk skont l-appellant huwa kien eżegwixxa xogħolijiet oħra lis-soċjetà appellata apparti dawk mertu tal-kawża odjerna, allura kien faċli jantiċipa l-possibilità li l-pagamenti li s-soċjetà konvenuta kienet qed tallega li effettwat setgħu kienu pagamenti għal dawn ix-xogħolijiet oħra minnu allegati. Mentri tul ix-xhieda tiegħu l-attur ma jagħmel qatt aċċenn

---

[8] Fol. 438 et. seq.
[9] Paġna 28 tas-sentenza appellata.

illi apparti x-xogħolijiet mertu tal-kawża huwa kien ġie inkarigat fuq xogħolijiet oħra u li kien irċeva mingħand is-soċjetà konvenuta pagamenti oħra mhux relatati mal-mertu tal-kawża.

34. Inoltre din il-Qorti tqis illi kien nuqqas tal-attur appellant, illi rinfaċjat bl-eċċezzjoni tal-pagament akkont li ma talabx lill-Ewwel Qorti sabiex tordna l-inverżjoni tal-provi u b'hekk kien ikun f'pożizzjoni illi eventwalment jikkuntrasta, jekk ikun il-każ, il-provi tal-pagamenti akkont imressqa mis-soċjetà konvenuta.

35. L-appellant jilmenta wkoll illi l-firma fuq riċevuta markata Dok RC4[10] hija "differenti mill-firem l-oħra tiegħu fuq id-dokumenti l-oħra kollha esebiti". Apparti li din l-osservazzjoni hija kważi kważi ammissjoni li l-irċevuti l-oħra ppreżentati mis-soċjetà appellata huma riċevuti minnu ffirmati; fl-istess ħin din il-Qorti tosserva illi l-ilment tal-appellant fir-rigward ta' din l-irċevuta ma hux illi l-firma ma hiex tiegħu iżda li hija differenti mill-oħrajn tiegħu għaliex taqra "Chris" u mhux "Christ". Din l-irċevuta ġiet eżebita mix-xhud Rosanne Camilleri u kkonfermata bil-ġurament tagħha fuq domandi diretti tal-Ewwel Qorti illi l-irċevuti kollha li eżebit kopja tagħhom kienu ġew iffirmati mill-appellant quddiemha. Jekk verament l-appellant kellu xi dubju dwar l-awtentiċità ta' dik il-firma fuq dik l-irċevuta kellu kull opportunità illi jitlob lill-Ewwel Qorti il-ħatra ta' espert

---

[10] Fol. 447

kaligrafu. Minn dan kollu ma għamel xejn l-appellant u għalhekk din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti illi aċċettat bħala veritiera dik l-irċevuta tenut kont ix-xhieda mhux kontradetta ta' Rosanne Camilleri.

36. Dwar l-ilment tal-appellant illi hemm tlett pagamenti li ġew aċċettati mill-Ewwel Qorti u li huma riflessi fi tlett *cheques* u mhux ukoll fi tlett riċevuti, din il-Qorti tqis illi tali ilment huwa assolutament fieragħ tenut kont illi *cheque* imsarraf huwa l-irċevuta klassika dwar min irċeva l-pagament għaliex għandek istitutuzzjoni finanzjarja xhud ta' dak il-pagament. L-appellant jammetti illi dawk il-pagamenti saru lilu. Fin-nuqqas ta' prova kuntrarja l-Ewwel Qorti għamlet sew li kkunsidrathom bħala ħlasijiet għax-xogħol mertu tal-kawża.

37. L-appellant jilmenta wkoll illi l-Ewwel Qorti aċċettat il-pagament li huwa rifless fl-irċevuta markata Dok RC8[11]. Jgħid li din qatt ma setgħat tirreferi għax-xogħol mertu tal-kawża għaliex fiha jingħad illi qed isir pagament ta' €9,800 filwaqt li kien baqa' bilanċ ta' €2,400. Jargumenta illi ladarba s-soċjetà konvenuta stess ammettiet li kellha tagħti €42,595.00 allura dan il-pagament qatt ma seta' jirreferi għall-mertu tal-kawża.

38. Fil-fehma tal-Qorti dan huwa raġunament fqir għall-aħħar għaliex huwa manifestament *non sequitur*. Dak li hu rilevanti kien u jibqa' li dik l-

[11] Fol. 452

irċevuta hija prova ta’ pagament akkont li s-soċjetà appellata għamlet lill-appellant u li mill-kumpless tal-provi ma jirriżultax illi l-appellant tħallas ammonti għall-xogħolijiet li ma għandhomx x’jaqsmu max-xogħolijiet mertu tal-kawża odjerna.

39. L-Ewwel Qorti għamlet apprezzament approfondiet ta’ kull ammont reklamat mill-appellant kif ukoll tal-pagamenti kollha li allegat s-soċjetà appellata. Ingħad hekk fis-sentenza appellata:

> “Il-kumpannija konvenuta taccetta li favur l-attur ghad hemm bilanc jithallas fl-ammont ta` €42,595. [12]
>
> Fil-kaz tal-lum, il-Qorti tinsab rinfaccjata b`konflitt fil-verzjonijiet taz-zewg nahat dwar punti sostanzjali (mhux marginali) tal-vertenza li dwarha trid taghti decizjoni.
>
> […]
>
> Dwar il-kwistjoni tal-VAT :
>
> > Wara l-verbal li sar fis-seduta tal-14 ta` Jannar 2019, irrizulta li l-ammonti li l-attur ikkwota lis-socjeta` konvenuta fid-drawings tieghu jinkludu l-VAT. Ghalhekk huma dawk l-ammonti li huma rilevanti mhux l-ammonti fuq l-invoices tal-attur fejn dan zied i-lVAT.
>
> Dwar id-drawings tal-attur :
>
> > Il-Qorti hadet nota tad-drawings li kienu prezentati bhala prova. Fil-bicca l-kbira taghhom, jaqblu mal-invoices li kienu prezentati fil-kors tal-kawza.
> >
> > Qeghda tirreferi l-aktar ghall-invoices numerati 1 sa 35.
> >
> > Ghal kull drawing hemm invoice. Dan ighodd ghad-dokumenti li kienu prezentati kemm mar-rikors guramentat kif ukoll mar-risposta guramentata.
> >
> > In segwitu meta l-attur permezz ta` rikors tal-20 ta` Gunju 2018, iddikjara li l-ammont dovut huwa fil-fatt aktar minn dak li kien talab

[12] Sottolinear ta’ din il-Qorti.

fir-rikors guramentat, huwa pprezenta numru ta` invoices ohra li jaslu sa invoice 60.

Dwar l-invoice/drawings 36 sa 60, il-Qorti taghmel dawn il-kostatazzjonijiet :-

i. l-invoices precedenti ghan-numru 36, huma aktar dettaljati u jghidu ezattament ghal liema provvista jirreferu : bhala ezempju, l-invoice 32 tghid : "white sliding door" , id-dimensjonijiet, u l-appartament preciz fejn saret l-istallazzjoni. ii. l-invoices li jibdew min-nru 36, hemm deskrizzjoni generika ta` fejn saru x-xogholijiet : bhala ezempju, l-invoice 36 li tirreferi ghal Block A. Dan huwa kuntrast evidenti u distintiv meta mqabbel mal-invoices ta` qabel, li baqa` mhux spjegat fil-kors tal-kawza.

iii. id-drawings u l-invoices min-nru 1 sa 35 huma wara xulxin. Dawk ta` wara huma differenti fis-sens illi invoice 52 u invoice 44 huma zewg drawings fuq l-istess pagna (fol 331).

[…]

Il-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet :-

i. ghalkemm jidher li invoice 18 tirreferi ghal Block D Flat 4 fl-ammont ta` €2,572.74, l-istess ammont jerga` jirrizulta fl-invoices li pprezenta l-attur fl-20 ta` Gunju 2018 : invoice 56 tammonta ghal €2,822.83.

ii. fl-invoice 23, jidher zball ghaliex Lm810 meta konvertiti f`ewro jigu €1,886.79, mhux €3,990.

iii. fl-invoice 10, jidher zball ghaliex Lm512 meta konvertiti f`ewro jigu €1,192.64, mhux €1,200.

iv. fl-invoice 24, jidher zball ghaliex ghaliex Lm598 meta konvertiti f`ewro jigu €1,392.97, mhux €1,340.

v. id-drawing a fol 144, li kien prezentat mis-socjeta` konvenuta, fejn hemm miktub invoice 1, huwa differenti ghat-tieni drawing li hemm a fol 357, li skont l-attur jirreferi ghal invoice 1. Jidher li drawing a fol 144 kien uzat minflok bhala drawing a fol 296 li jirreferi ghal invoice 58.

vi. l-attur rega` pprezenta invoice 19 (fol 362) li qeghda tirreferi ghat-tieni drawing li hemm a fol 360, izda invoice 19 kien diga` prezentat (fol 321) u jirreferi ghat-tielet drawing a fol 318.

vii. invoice 36 a fol 227 turi ammont ta` €1,257.87, waqt li invoice 36 a fol 364 turi ammont ta` €186.

Fl-affidavit taghha, Roseanne Camilleri pprezentat statement tal-invoices kollha u tal-ammonti relattivi ghall-invoices. L-ammonti jaqblu mal-ammonti li hemm miktubin fuq id-drawings li pprezenta l-attur mal-affidavit tieghu.

Camilleri tiddikjara li l-attur thallas f`disa` okkazjonijiet bil-modalita` segwenti :-

1. cheque ghal €1,383 datat 27 ta` Mejju 2011.

2. cash fl-ammont ta` €8,410 fil-20 ta` Lulju 2011.

3. cash fl-ammont ta` €6,279 fit-8 ta` Marzu 2012.

4. €23,294 fil-20 ta` Dicembru 2012.

5. garage valutat fl-ammont ta` €10,000.

6. cheque ghal €1,840 datat 27 ta` Frar 2013.

7. cheque ghal €3,170 datat 9 ta` Dicembru 2014.

8. €9,800 fl-20 ta` Mejju 2015.

9. €3,610 fit-18 ta` Dicembru 2015.

**Total ta`€67,786.**

L-attur jikkontesta dawn il-hlasijiet.

Jaccetta biss li thallas l-ammonti ndikati bin-nru 4 (€23,294) u 9 (€3,610).

Il-Qorti diga` rrimarkat li fil-premessi tar-rikors guramentat l-attur kien halef illi l-garage li kien trasferit lilu b`kuntratt tal-20 ta` Dicembru 2012 kien jirrapprezenta parti mill-hlas tal-bilanc li kien ghadu dovut mill-kumpannija konvenuta.

Ghalkemm minn qari tal-kuntratt ma jirrizultax indikat li t-trasferiment kien qed isir bhala parti minn hlas li kien dovut lill-attur mill-kumpannija konvenuta, jirrizulta li l-attur ma hallas xejn fuq il-kuntratt. Infatti klawsola (1) tal-kuntratt tghid : "versu l-prezz konvenut bejn il-partijiet ta` ghaxart elef Ewro (€10,000), liema somma gia` thallset qabel illum mill-kumpratur lill-venditur li qed jaccetta u jhalli d-debita ricevuta."

Fin-nota ta` osservazzjonijiet tieghu, l-attur jaghmel l-argumenti tieghu ghaliex din il-qorti ghandha tqis it-trasferiment tal-garage valutat €10,000 mhux bhala hlas akkont tal-bilanc li kien dovut lill-attur izda bhala bejgh. Fl-istess waqt fl-istess nota l-attur ma jghidx li dak li stqarr fil-premessi tar-rikors guramentat kien zbaljat. Lanqas ma jaghti xi

raguni plawsibbli li taghmel sens ghala fir-rikors guramentat qal dak li qal. Rinfaccjat bis-skiet tal-attur dwar dak li nghad fir-rikors guramentat, il-Qorti ma tistax twarrab qisu xejn stqarrija ta` sostanza u ta` rilevanza li ghamel l-attur bil-gurament in limine litis. Dik l-istqarrija mahlufa tpatti ghal nuqqas ta` kjarezza li forsi tixref mill-mod kif inkiteb il-kuntratt tat-trasferiment tal-garage u dak li attwalment sehh bejn il-partijiet. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tqis li l-€10,000 ghandhom jitqiesu bhala hlas li sar favur l-attur.

Ghalhekk mil-lista ta` Roseanne Camilleri, jirrizultaw li saru l-hlasijiet bin-nru 4, 5 u 9 li flimkien igibu total ta` €36,904 (€23,294 + €10,000 + €3,610).

Ghar-rigward tal-hlasijiet bin-nru 1, 6 u 7 jirrizulta li l-hlas sar b`cheques li ssarrfu. Il-Qorti m`ghandhiex prova li tissoddisfa l-vot tal-bilanc tal-probabilitajiet li twassalha biex tikkonkludi li dawk it-tliet hlasijiet ma sarux b`relazzjoni max-xoghol mertu ta` din il-kawza. Ghalhekk sejra tqis bhala ppruvat il-hlas ta` €6,393 (€1,383 + €1,840 + €3,170).

Fin-nota ta` osservazzjonijiet l-attur ikkontesta li qatt ircieva l-pagamenti bin-nru 2, 3 u 8. Fil-kaz tal-hlas nru 3, l-attur stqarr illi l-firma attribwita lilu hija differenti mill-firem l-ohrajn fis-sens illi fejn huwa dejjem iffirma “Christ” meta hemm il-firma tghid “Chris”. Tajjeb jinghad li fl-istadju tal-gbir tal-provi, Roseanne Camilleri ma kienet domandata xejn mill-attur dwar dawk il-pagamenti.

[…]

Dan premess, u wara li qieset ix-xiehda u rat id-dokumenti, il-Qorti tirrileva li wara li l-kumpannija konvenuta ghamlet il-prova tal-pagament, prova li kienet tinkombi lilha peress illi kienet hi li eccepiet il-hlas, kien imbaghad jinkombi lill-attur li jikkontesta bi provi tieghu li l-hlas ma sarx kif pretiz mill-kontroparti. Tosserva li waqt il-gbir tal-provi, l-attur ma attakkax il-validita` o meno tal-firem tieghu, lanqas dak tan-nru 3. Ghalhekk ma jistax jippretendi l-attur li jista` jaqleb ta` taht fuq l-essenza tal-ligi procedura billi jghid f`nota ta` osservazzjonijiet dak li ghazel ma jippruvax fl-istadju tal-gbir tal-provi meta kellu c-cans kollu biex jaghmel dan.

Abbazi tal-ahjar prova, debitament konfermata bil-gurament, meqjusa fuq bilanc ta` probabilitajiet, din il-Qorti taccetta li s-socjeta` konvenuta ghamlet ukoll il-pagamenti bin-nru 2, 3 u 8 fl-ammont ta` **€24,489** (€8,410 + €6,279 + €9,800).

B`hekk jirrizulta ppruvat li l-kumpannija konvenuta ghamlet hlasijiet fl-ammont totali ta` **€67,786.**

Fil-kors tal-izvolgiment ta` din il-kawza, l-invoices u drawings kienu prezentati erba` darbiet, min-naha u mill-ohra. Meta jsir l-ghadd tal-

> invoices kollha, l-ammont globali taghhom jirrizulta li kien ta` **€108,014.20** (ara l-ispreadsheet li taghmel parti minn din is-sentenza). Dan jirrizulta mill-invoices kollha imma in partikolari dawk li gew prezentati mill-attur minn fol 296 sa fol 384 li huwa s-sett komplut tal-invoices minn 1 sa 60. Jekk jittiehdu in konsiderazzjoni d-diskrepanzi li gew elenkati aktar kmieni, jirrizulta li l-invoices li huma esebiti a fol 296 sa fol 384 (kolonna G) huma dawk l-aktar attendibbli u affidabbli bhala kwalita` ta` prova.

40. Din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fil-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti fuq riprodotti, sew fir-rigward tal-fatturi rilaxxjati mill-appellant uħud minnhom f'kunflitt ma' xulxin, kif ukoll tal-pagamenti akkont magħmula mis-soċjetà appellata.

41. Meta imbagħad l-Ewwel Qorti, wara li stabbiliti liema kienu dawk il-kontijiet tal-appellant li kienet ser tikkunsidra bħala validi li komplessivament jammontaw għal **€108,014.20** u ġiet sabiex timputa il-pagamenti akkont dikjarati mill-Ewwel Qorti bħala imputabbli għall-kontijiet tal-appellant ammontanti komplessivament għal **€67,786**, l-Ewwel Qorti ddikjarat kif isegwi:

> "Cio` nonostante t-talba tal-attur baqghet €101,823.50, u cioe` t-talba awmentata fl-ghadd mhux dik ta` €69,635.84 li kienet inizjalment fir-rikors guramentat. U sakemm il-kawza thalliet ghas-sentenza, it-talba attrici kif modifikata baqghet l-istess fir-rikors guramentat korrett. Dan ifisser li l-Qorti hija prekluza milli tadotta ammont superjuri minn dak ta` €101,823.50, jirrizulta x`jirrizulta mid-dokumenti, ladarba t-talba attrici baqghet dik ta` €101,823.50. Tenut kont li diga` accettat bhala ppruvat li qabel il-prezentata ta` din il-kawza, l-attur kien ircieva bhala hlas, skont kif kien spjegat aktar kmieni, ammont ta` €67,786, il-Qorti tikkonkludi li l-bilanc dovut lill-attur huwa ta` **€34,037.50** (€101,823.50 - €67,786). Effettivament ghalhekk jirrizulta li l-ammont bilancjali ta` €42,595 li s-socjeta` konvenuta ddepozitat taht l-awtorita` tal-qorti fil-mori tal-kawza kien superjuri minn dak li rrizulta attwalment dovut lillattur."

42. Din il-Qorti ssib illi l-aggravju tal-appellant in kwantu dirett lejn l-apprezzament li għamlet l-Ewwel Qorti fir-rigward tal-pagamenti akkont effettwati mis-soċjetà appellata, kif ukoll dwar in-nuqqas ta' l-Ewwel Qorti li tagħti piż lill-ammissjoni tas-soċjetà appellata li għandha tagħti s-somma ta' €42,595.00 bħala li huwa fondat.

43. Din il-Qorti tqis illi bil-fatt li l-appellant talab li jiġi kanonizzat kreditur tas-soċjetà appellata fis-somma ta' €101,823.50 ma hux ekwivalenti għal talba sabiex il-Qorti tiddikjara li l-ammont oriġinarjament dovut kien €101,823.50. L-appellant mill-ewwel stqarr fir-rikors ġuramentat illi l-ammont minnu reklamat kien ammont bilanċjali peress li s-soċjetà appellata kienet għamlet pagament akkont (ara premessa numru 3). Għalhekk din il-Qorti ma tqisx bħala evalwazzjoni korretta magħmula mill-Ewwel Qorti meta qieset illi fil-komputazzjoni tal-ammont bilanċjali dovut mis-soċjetà appellata lill-appellant ma setgħatx tieħu bħala l-ammont globali *di partaenza* is-somma ta' **€108,014.20**. Din il-Qorti ma tara li kien hemm l-ebda xkiel illi s-somma globali ta' pagamenti akkont effettwati mis-soċjetà konvenuta appellata li l-Ewwel Qorti stabbilit fis-somma **€67,786 tiġi ridotta mis-somma ta' €108,014.20 u mhux mis-somma ta' €101,823.50 kif għamlet l-Ewwel Qorti.**

44. Is-soċjetà konvenuta appellata sostniet fir-risposta tagħha illi l-ammont minnha dovut huwa ta' €39,941.00 u spjegat għaliex ma taqbilx mal-ammont li illikwidat l-Ewwel Qorti.

45. Tenut kont li s-soċjetà appellata ammettiet sa mill-bidunett tal-kawża li kellha tagħti lill-appellant is-somma ta' €42,595.00 liema ammissjoni saret b'mod formali fl-eċċezzjonijiet minnha mressqa; tenut kont illi s-soċjetà appellata għaddiet sabiex iddepożitat dak l-ammont taħt l-Awtorità tal-Qorti sabiex jiġi liberament żbankat mill-appellant; tenut kont illi tul is-smigħ quddiem l-Ewwel Qorti l-appellata qatt ma talbet illi temenda l-eċċezzjoni/ammissjoni. Lanqas talbet illi temenda ċ-ċedola ta' depożitu minnha ppreżentata. Ammissjoni f'risposta ġuramentat konfermata permezz ta' ċedola ta' depożitu kellha tingħata l-piż misħoqq mill-Ewwel Qorti.

46. Għalhekk, filwaqt li tilqa' t-tielet aggravju tal-appellant limitatament għal dak appena kkunsidrat, issib illi l-ammont bilanċjali dovut mis-soċjetà appellata lill-appellant huwa ta' tnejn u erbgħin elf, ħames mija u ħamsa u disgħin ewro (€42,595) mhux €34,037.50 kif deċiż fis-sentenza appellata.

47. Fir-raba' aggravju tiegħu l-appellant jgħid illi "jkun ferm aktar ġust li l-imgħax legali jibda jiddekorri mid-dati tal-fatturi relattivi u mhux mid-data

tas-sentenza tal-Ewwel Qorti." Jgħid ukoll li huwa inġust li ġie allokat żewġ terzi ($^2/_3$) tal-ispejjez tal-kawża. Dawn iż-żewġ aggravji marbutin f'aggravju wieħed huma msejsa fuq raġuni waħda, il-fatt li s-soċjetà appellata mill-bidunett ammettiet illi kienet debitriċi tal-appellant fis-somma ta' €42,595.00.

48. Dwar l-imgħax legali l-Ewwel Qorti immotivat id-deċiżjoni tagħha kif ġej:

> "L-imghax ghandu jibda jiddekorri b`effett mil-lum peress illi sabiex waslet ghal din il-figura, il-Qorti kellha taghmel accertamenti attinenti ghal process kompless ta` likwidazzjoni. Ghalhekk f`dan il-kaz ghandu jkun applikat il-principju tad-dritt: *in illiquidis non fit mora*."

49. Din il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjoni li għamlet l-Ewwel Qorti fir-rigward. It-talba oriġinali tal-attur kienet għas-somma ta' €101,823.50 u matul il-kawża irriduċiha għal €81,115.23, ammont li għadu qed jippretendi sal-lum. Għalkemm din il-Qorti qed tilqa' parzjalment dan l-appell billi qed tawmenta l-ammont kanonizzat minn €34,037.50 għal €42,595, xorta jibqa' ammont drastikament inferjuri għal-dak li l-attur għadu qed jirreklama. L-eżerċizzju li għamlet l-Ewwel Qorti, għalkemm din il-Qorti kif rajna ma qablitx kompletament miegħu, kien aktar eżerċizzju ta' ammont *da liquidarsi* u d-diskrepanza enormi bejn dak reklamat u dak li finalment qed jiġi kanonizzat tiġġustifika l-applikazzjoni tal-massima *in illiquidis non fit mora*. Għalkemm l-attur appellant jgħid li pagament ta' dak ammess "qatt ma sar" jidher li l-appellant nesa li l-

ammont ta' €42,595.00 kien ġie depożitat mis-soċjetà appellata taħt l-Awtorità tal-Qorti permezz ta' ċedola numru 970/18 ippreżentata fit-22 ta' Mejju, 2018 sabiex jiġi liberament żbankat mill-appellant.[13]

50. Dwar l-aggravju tal-appellant fir-rigward tal-ispartizzjoni tal-ispejjeż kif deċiż mill-Ewwel Qorti, l-appellant jgħid illi tenut kont li s-soċjetà konvenuta mill-ewwel ammettiet li kellha tagħti s-somma ta' €42,595.00 huwa ma kellux jiġi akkollat $^{2}/_{3}$ tal-ispejjeż.

51. Din il-Qorti tqis li l-appellant m'għandux raġun. Jirriżulta illi wara li fittex lill-konvenuta għas-somma ta' €69,635.84 il-konvenuta ikkontestat l-ammont reklamat billi qalet li l-ammont dovut kien ta' €42,595.00. Sussegwentement l-attur għadda sabiex talab li jawmenta s-*sorte* għal €101,823.50. Tqis l-aggravju kif impostat tal-appellant dwar il-kap tal-ispejjeż bħala ma hux fondat in kwantu l-ammissjoni da parti tal-konvenuta ta' ammont ridott minn dak reklamat ma kellux iwassal lill-Ewwel Qorti li takkolla l-ispejjeż ġudizzjarji kollha fuq il-konvenuta appellata. Jidher ċar illi l-Ewwel Qorti applikat id-diskrezzjoni tagħha kif regolata bl-Artikolu 223 (3) tal-Kap. 12 u ma kienx rilevanti għal dak il-fini kemm kien l-ammont ammess mill-konvenuta. Li kien rilevanti hija d-differenza bejn dak mitlub u dak kanonizzat li kif rajna kienet differenza kbira ħafna. Bl-akkoljiment parzjali tat-tielet aggravju u bl-awment tenwu

[13] Kopja a fol. 185

tal-ammont kanonizzat il-Qorti ma tqisx illi għandha tvarja id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward tal-kap tal-ispejjeż.

52. Dwar il-kap tal-ispejjeż ta' dan l-appell il-Qorti tagħmel is-segwenti konsiderazzjoni.

53. Permezz ta' dan l-appell, l-appellant talab illi l-ammont kanonizzat mill-Ewwel Qorti jiġi awmentat minn €34,037.50 għal €81,115.23. Din il-Qorti laqgħet parzjalment l-aggravji mressqa mill-appellant, però l-ammont li din il-Qorti qed tikkanonizza jibqa' ammont ferm 'il bogħod mis-somma ta' €81,115.23. Inoltre din il-Qorti tqis illi din il-kawża setgħat faċilment ġiet evitata kieku l-appellant żamm kotba tan-negozju idonei, ħaġa li manifestament ma għamilx.

54. Bil-fatt li din il-Qorti qed tiddikjara illi l-ammont dovut mis-soċjetà appellata huwa l-ammont li fil-bidu tal-kawża ammettiet li għandha tagħti lill-appellant, ma tqisx illi għandha takolla l-ispejjez ta' dan l-appell fuq is-soċjetà appellata. Meta s-soċjetà appellata ddikjarat fir-risposta ġuramentata tagħha li għandha tagħti s-somma ta' €42,595.00, l-attur kellu l-għażla li jaċċetta dak l-ammont u l-kawża tieqaf hemm. Huwa għażel li jippretendi ammont superjuri, ammont li kif rajna lanqas l-istess appellant ma kien ċert kemm hu għaliex rajna tlett ammonti diversi reklamati mill-appellent tul is-smigħ tal-kawża quddiem l-Ewwel Qorti.

55. Fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti tqis illi l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jiġu akkollati in kwantu għal kwart ($^{1}/_{4}$) fuq is-soċjetà appellata u in kwantu għal tlett kwarti ($^{3}/_{4}$) fuq l-appellant.

**Deċiżjoni**.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq mogħtija, din il-Qorti qiegħda tilqa' parzjalment dan l-appell, tvarja s-sentenza appellata billi tiddikjara illi l-ammont dovut mis-soċjetà appellata lill-appellant huwa ta' tnejn u erbgħin elf, ħames mija u ħamsa u disgħin ewro (€42,595) u mhux l-ammont likwidat mill-Ewwel Qorti.

L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi mill-Ewwel Qorti, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu in kwantu għal kwart ($^{1}/_{4}$) mis-soċjetà appellata u in kwantu għal tlett kwarti ($^{3}/_{4}$) mill-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da